newsbook
.com.mt

LOKALI

# Jiltaqgħu f'Malta sabiex jiskopru għodod ġodda

*Charmaine Attard - 11/11/16 12:12 PM*



120 parteċipant minn 36 pajjiż Ewropew bħalissa qed jipparteċipaw fit-"Tool Fair" organizzata mill-Aġenzija Nazzjonali Maltija għall-programm tal-Erasmus+ u l-Aġenzija Żgħażagħ.

Din il-fiera qed issir b'ħidma mill-qrib ma' aġenziji oħra minn Ċipru, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Polonja, Spanja u t-Turkija.

L-għan ewlieni ta' dawn l-attivitajiet hu li jlaqqa' flimkien parteċipanti żgħażagħ mill-pajjiżi kollha Ewropej u Mediterranji sabiex jiddiskutu u jipprattikaw temi minn suġġetti kurrenti, ngħidu aħna d-drittijiet umani u l-migrazzjoni.

B'hekk il-parteċipanti jissaħħu b'għodda u jiksbu għerf ġdid dwar dak li qed jiġri sabiex ikunu tal-aqwa għajnuna għal ħaddieħor u tarka ta' solidarjetà u inklużjoni.

Il-fiera ilha għaddejja mit-Tnejn u fadlilha sa għada.

Share on Facebook Share on Twitter

0 Comments Newsbook
1 Login
Recommend Share
Sort by Best
Start the discussion…
Be the first to comment.
Subscribe Add Disqus to your site Add Disqus Add Privacy